ĠUŻ: DIMECH DEBONO

# L-IMSIERAH

## (jew L-GHARGHAR)

## BIL-KNISJA TIEGHU

Lux Press — 1962.

# *KELMTEJN TA' QABEL*

*Sa mill-bidu tal-miġja tiegħi fl-Imsierah, dejjem ħassejt li nissodisfa x-xewqa tan-nies t'hawn billi bħan-nies tal-ibliet u l-irħula l-oħra ta' Malta jkollhom l-Istorja tar-raħal jew aħjar subborg tagħhom.*

*Għal dan ix-xogħol kien hemm daqsxejn ta' diffikultà minħabba li dan is-subborg għadu ġdid. U għalhekk ma tantx issib xi tgħid fuqu.*

*U biex issuperajna din id-diffikultà, mhux biss qabbadna wieħed mill-aħjar kittieba t'Arna, iżda wkoll ta' veru Karkariż jaf sewwa l-Istorja ta' Birkirkara. Din il-ħaġa kienet importanti ħafna għalina, billi ninsabu fil-limti ta' Birkirkara, anzi bħalma issa l-qarrejja jkunu jafu minn dan il-ktieb stess, il-Parroċċa ta' Birkirkara kellha l-bidu tagħha hawn fl-Imsierah stess.*

*Għalhekk inqdejna bl-okkażżjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Ġdida tagħna, f'għeluq is-sentejn li ftaħniha, biex nissodisfaw ix-xewqa ta' dan il-poplu ġeneruż u li jagħmel minn kollox għad-dekor tal-knisja tiegħu.*

*Nisperu li x-xogħol ta' dan il-kittieb bil-wisq imsemmi jiġi apprezzat minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Istorja tal-Kappuċċini, ta' Birkirkara u b'mod speċjali ta' l-Imsierah, li għalkemm subborg ġdid, dan l-istess kittieb irnexxielu li jsib materjal biżżejjed biex isawwar dan il-ktieb, li kif minna hu ttamat, ikun bidu ta' Storja twila u glorjuża.*

**P. LEOPOLDO.**

# IL-PATRIJIET KAPPUCCINI F'MALTA

Bħalma kulħadd jaf, San Franġisk t'Assisi kien veru riformatur tas-Seklu XIII. Biex b'ġiegħ Alla u b'risq il-proxxmu rnexxa fi ħsiebu, hu tafa' l-ispirtu qaddis tiegħu f'għadd ta' bnedmin oħra li minnhom tnisslu Ordnijiet sħaħ ta' Reliġjużi. ilkoll ħabrieka fil-Qasam ta' Kristu.

Mhux ta' b'xejn li minn dawn l-Ordnijiet Franġiskani tfaċċaw bosta Nies Kbar. kif ukoll Ordnijiet Reliġjużi oħra daqshekk iċħor kbar.

Fost dawn ta' l-aħħar insibu wieħed li fuq ir-Regula stretta, kif fil-bidu ġiet mogħtija minn dak il-Fundatur ewlieni, twaqqaf minn Patri Mattew minn Bascio flimkien maż-żewġt aħwa Luduviku u Rafel minn Fossombrone, u twettaq mill-Papa Klement VII. fis-Seklu XVI.

Bħall-Ordni, li minnu tnissel, dan l-Ordni l-ġdid baqa' jżomm l-isem ta' "Patrijiet Minuri" biż-żjieda ta' distinzjoni li xxebbagħhom ma' l-eremiti.

B'dana kollu mill-ilbies, li n-nies tiegħu jġibu, sar aktar magħruf bħala l-Ordni tal-"Patrijiet Minuri Kappuċċini".

B'minkejja t-tgħeddid ta' qerda u kull tfixkil possibbli, l-Ordni ta'-Patrijiet Kappuċċini kiber, issaħħaħ u xtered b'mod li l-għadd tal-Membri tiegħu laħaq 700 wara tmien snin, u 3,300 wara ħamsa u tletin sena oħra.

Fih daħlu wkoll Kbarat u Nies Irjali, għalkemm hu l-ifqar Ordni. Meta fl-1574 il-Papa Gregorju XII. ippermettielhom joħorġu l-barra mill-Italja, huma għaddew għal Franza, Spanja, Svizzra, Belġju, Tirol, Boemja, Vjenna, Monaco, Alsazja, Renanja u bosta mkejjen oħra fejn, sakemm fl-1619, meta l-Papa Pawlu V. għaraf l-Ordni tagħhom bħala ndipendenti bil-Ministru Generali tiegħu, kellhom diġa' 1,030 kunvent, imqassmin f'40 provinċja b'14,846 Patri fihom.

Aktar m'għadda żmien, l-għadd ta' Patrijiet u Kunventi Kappuċċini żdied u rdoppja għax tabilħaqq sfaw magħrufin u

maħbubin bis-sħiħ, la, kull fejn kienu, dejjem ġiebu l-Barka t'Alla magħhom.

Hekk bla dubju ġara tul l-Assedju l-Kbir tal-1565 hawn f'Artna stess meta flimkien mal-Gran Mastru La Valette kellna lill-Patri Kappuċċin Robertu minn Eboli bis-Salib, qisu xi Kostantinu, Iben Sant'Elena ieħor, iħeġġeġ lil niesna għar-rebħa minnu mħabbra li kellha ssir, kif imbagħad tassew saret, nhar is-7 ta' Settembru jew aħjar lejliet jum it-tifkira tat-twelid rebbieħ tal-Madonna.

Billi bl-eroiżmu tiegħu, ferut kif safa għal darba, darbtejn anzi tliet darbiet, hu seraq qalb kulħadd, Missierijietna xtaqu li jkollhom x'jaqsmu aktar mill-qrib ma' l-Ordni Serafiku li kien iħaddan.

F'qasir żmien seħħ dak li kien inxtaq għax fil-persuna ta' Patri Salv Petit mill-Belt, bniedem għaref, li kien surmast ta' bosta għorrief oħra, fosthom il-Kardinal Anselmu Monopoli, tfaċċa l-primoġenitu tal-Kappuċċini Maltin.

Meta, wara xi snin ta' ħidma fostna, Patri Salv kellu jerġa' jħalli lil Art twelidu, il-Maltin ħassewhom li ma jistgħux jibqgħu mingħajr rappreżentanti ta' dak l-Ordni Franġiskan.

Għalhekk billi f'Napli u bliet oħra ta' l-Italja kien hemm daqs tmientax il-Patri Kappuċċin Malti, il-Gran Mastru Ugo Loubens de Verdalle ħasibha tajjeb li bl-approvazzjoni ta' l-Isqof Gargallo, talab li jintbagħtu x'uħud minnhom iwaqqfu kolonja Kappuċċina f'Artna.

Il-kelma tal-Gran Mastru, li kien ukoll Kardinal, ma ġietx miksura għax f'Malta ntbagħt Patri Rafel minn Ħal Tartarni (*) b'oħrajn miegħu Maltin u Barranin. Minnhom fl-1585-1588 twaqqaf fostna l-ewwel kunvent tagħhom, jiġifieri dak tal-Furjana.

Billi għallmu, sabbru, għenu u assistew mhux ftit ma kulħadd, kif ukoll billi bil-kelma siewa tagħhom sfaw bidu tal-"*Monte di Pietà*" għall-fidwa ta' l-irsiera, allura mhux ta'

(*) Flok Ħad-Dingli tal-lum.

b'xejn li dawn il-Patrijiet Kappuċċini fostna żdiedu b'mod li fl-1736 waqqfu kunvent ieħor fil-Kalkara u ieħor ukoll ġewwa Għawdex.

Fi kliem ieħor Artna kellha s-sehem tagħha fit-tkattir tagħhom li fl-1754 kien laħaq 32,821 Membru u 1.715 Kunventi u Ospizji imqassmin fi 63 Provinċja.

Terġa' fl-1849 il-Kustodja Kappuċċina f'Artna saret Provinċja Indipendenti. għax f'idejn il-Kappuċċini Maltin ġiet ukoll fdata l-Prefettura Appostolika ta' Tunes.

Il-Missjonijiet tagħhom, li f'Artijiet ta' Barra jgħoddu fost kollox it-treġija ta' djoċesi sħiħa, jiġifieri d-Djoċesi ta' Jhansi fl-Indja, huma wkoll kellha frott tal-ħidma kbira li ssir fil-kunventi f'Artna fejn l-għadd tagħhom żdied b'wieħed fil-Marsa, ieħor f'Birkirkara, ieħor f'Raħal il-Ġdid u ieħor f'San Pawl il-Baħar.

## TMIEM TA' L-EWWEL TAQSIMA

*Bibliijografija:*
"*Enciclopedia Cattolica*" Vol: V.
"*Enciclopedia Italiana*" Vol: XVI.
"*Encyclopaedia Britannica*" Vol: 1.
P. Mariano da Calitri O.F.M. Cap: "*P. Roberto da Eboli e il Grande Assedio di Malta*".
P. Pelagio da Zebbug O.F.M. Cap: "*Cronaca dei RR.PP. Minori Capuccini di Malta*".
"*The Catholic Directory of Malta & Gozo*".

# IL-PATRIJIET KAPPUCCINI FL-IMSIERAH

Billi fost l-oħrajn issemma l-kunvent ta' Birkirkara, għal-hekk hu ta' min isemmi li l-ewwel ħsieb tal-mawra tal-Patrijiet Kappuċċini f'dik il-belt hu aktar antik milli ħafna jaħsbu.

Infatti l-ewwel Patrijiet imsejħin biex jieħdu l-knisja ta' San Alfonsu fi Triq il-Wied qabel ħaduha l-Patrijiet Tereżjani fl-1896, kienu dawk ta' l-imsemmi Ordni Franġiskan.

Hekk ukoll kien sa jiġri meta fis-snin ta' qabel l-ewwel Gwerra Dinjija l-Knisja Parrokkjali tal-Marsa kienet sa timbena ftit il-ġewwa mill-Knisja tal-Karmnu fi Triq Fleur-de-Lis.

Imma għalkemm is-siegħa kienet għadha ma wasletx biex il-mawra tagħhom f'dik il-belt isseħħ, l-imħabba lejhom f'qalb il-Karkariżi ma naqsetx. Hija żdiedet kif jidher ċar mill-każ li sforz il-qalb tajba ta' wieħed minnhom, is-Sur Feliċ Borg, ix-xewqa saret fatti mat-tielet darba għax fl-aħħar huma marru tassew.

Il-post, fejn jinsabu llum, huwa l-Għargħar. (*) magħruf bħala ċentru tat-traffiku ta' qabel żmien Kristu, kif sinjali pre-storiċi, immarkati fix-Xagħra ta' Sant'Andrija, għadhom jixdu.

Aktar qrib minn żmien Kristu 'l hawn huwa wkoll kien il-qalba ta' belt għax, kif xi pedamenti għadhom juru ċar, hemm kienet mibnija l-ewwel Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara (**)

(*) Infatti fl-Atti tan-Nutar Giov: Chetcuti, magħmul fil-21 t'April 1940, insibu miktub li l-art. mogħtija mis-Sur Feliċ Borg lill-W.R. Patri Provinċjal Bernardu Marija mill-Ħamrun tal-Kappuċċini, hi porzjoni mill-għalqa msejħa: "Tal-Mara" fil-kontrada ta' "San Gwann tal-Għargħar." limiti ta' Birkirkara, tmiss mit-tramuntana ma' triq pubblika, li għadha mingħajr isem, iżda li minn Naxxar twassal għal tas-Sliema.

Aktar l-isfel insibu li din il-donazzjoni ta' porzjoni ta' sit fabbrikabbli ġiet magħmula rispettivament taħt il-patt u kondizzjoni espressi illi fuq l-istess porzjoni ta' sit jiġi mibni Kunvent u Knisja ammess-a miegħu.

(**) Dawn il-pedamenti issa jinsabu fil-ġnien tal-Abatija tas-Sorijiet Franġiskani. li l-Knisja tagħhom fl-Imsieraħ hi opra ġeneruża tas-Sur Ġuże Borg.



**FDALIJIET TA' KNISJA PARROKKJALI FL-IMSIERAĦ**
**(L-ewwel Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara).**

meta Birkirkara kienet wisq akbar milli hi llum la fiha kienet ukoll tħaddan lil San Ġiljan, il-Gżira, tas-Sliema, l-Imsida, Sta. Venera, Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħ'Attard u nofs il-Ħamrun.

Bil-mawra tal-Patrijiet Kappuċċini ġewwa l-Għargħar, jew kif illum hu aktar imsejjaħ: "L-Imsieraħ", (*) intlaħqet ċerta ħtieġa li kienet ilha tinħass ġmielha, kif bid-deher tixhed ir-raġuni għalfejn fl-1910 l-Oratorju ta' Birkirkara mbena fejn

(*) Xi drabi jissejjaħ ukoll: "Tal-Balal", jew "Misraħ Lewża"; ġie li saru suġġerimenti biex b'tifkira ta' l-imgħoddi jieħu l-isem ta' "Helenville".

imbena fi Triq San Ġiljan biex ikun milħuq xi ftit minn nies ta' dawk l-inħawi għat-Tagħlim Nisrani lil uliedhom.

Aktar minn hekk u minn ukoll quddies fil-Kappella ta' l-Oratorju, in-nies t'hemm htieġu li jkollhom quddies f'xi knisja eqreb.

Kien hemm minn dejjem kemm il-knisja ġewwa u madwar l-Imsieraħ, kif erba' minnhom, illi huma dawk ta' San Ġwann, Sta. Margerita, San Filippu u San Ġakbu u s-Santwarju tal-Minsija, għadhom jeżiżtu sal-lum. Barra mill-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Elena fl-imgħoddi kien hemm ukoll ġewwa l-Imsieraħ knejjes oħra dedikati lil Sta. Marija, il-Lunzjata u San Andrija.

Għalhekk mhux ftit swew il-Kanonċi tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena biex permezz ta' xi knejjes minnhom ħadu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tan-nies ta' dawk l-inħawi.

Billi fl-imgħoddi ma kellniex il-kumdità tat-traffiku li għandna issa, u għax it-toroq bla bini kienu waħxin, il-Kanonċi kienu f'hekk jaqdu dmirhom mhux hlief sforz ħafna sagrifiċċji.

U ma waqfux jagħmlu dawn is-sagrifiċċji tagħhom għall-imħabba t'Alla qabel ma raw sew li din il-Missjoni Mqaddsa tagħhom setgħat titkompla aħjar minn saċerdoti oħra bħalma kien il-Kanonku Dun Karm Camilleri tal-Kolleġġjata ta' Bormla, billi kien evakwat i'dar quddiem il-Knisja ta' San Ġwann.

Dan il-vantaġġ inħass ukoll meta żmien qabel Dun Ġorġ DeBono minn Birkirkara stess mar joqgħod ħdejn is-Santwarju tal-Minsija.

Tabilħaqq li Kanonku minn tal-Kolleġġjata Elenjana għadu jqaddes fis-Santwarju tal-Minsija, imma fil-Knisja ta' San Ġwann beda jsir mod ieħor.

Għax, kif għedna, bir-residenza ta' dawk iż-żewġ saċerdoti fil-post kien intwera ċar kemm dawk l-inħawi jintlaħqu aħjar u b'inqas tbatija milli minn min ikollu jivvjaġġa daqs mil u aktar kull darba għal daqshekk kif fi żmienhom il-Kanonċi Dun Alfons

Borg, Dun G.B. Casha, Dun Lawrenz Sammut u oħrajn kienu jagħmlu.

Mhux ta' b'xejn li, għalkemm il-knisja ta' San Ġwann, ġuspatrunat ta' nies Karkariżi ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer nhar it-23 ta' Marzu, 1659, kienet reġgħet ġiet imwaqqfa mill-ġdid sittax il-sena wara fi żmien l-Isqof Astiria.

Għall-ewwel, li l-Patrijiet Kappuċċini marru fil-21 ta' Frar, 1917 biex bħala l-proprja suċċessuri tal-Kanonċi Elenjani jieħdu ħsieb l-Erwieħ, huma nqdew b'dik l-istess knisja ta' San Ġwann, u li llum qegħda għat-Tagħlim tad-Duttrina mill-Membri tal-M.U.S.E.U.M.

Għat-talba ta' l-Arċisqof, li għandna, Mons. Sir Michael Gonzi lill-Ministru Provinċjali, Patri Anton minn Għawdex, ġara li Patri Feliċ minn Għawdex, bħala Superjur, u Patri Ġużeppi Marija mill-Furjana kienu l-ewwel li okkupaw dik il-knisja biex fiha u minnha jkomplu mal-ħtieġiet spiritwali tan-nies li baqgħu aktar jiżdiedu, mifruxin kif huma fil-limti ta' tliet Parroċċi — il-waħda Birkirkara u t-tnejn l-oħra San Ġiljan u l-Gżira.

## TMIEM TAT-TIENI TAQSIMA.

*Bibliografija*:

*Visitatio Duzina*, 1575; *Cagliares*, 1618; *Balaguer*, 1635; *Canares*, 1716.

E.B. Vella: "*Storja ta' Birkirkara........*".

Ġuż: Dimech DeBono: "*Deskrizzjoni Storika ta' Birkirkara*".

Ġuż: Dimech DeBono: "*L-Ordnijiet Franġiskani f'Birkirkara.*"

A. Ferris: "*Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*".

Abela: "*Descrittione di Malta*".

Kan: A. Agius: "*Storja tal-Madonna tal-Mins'ja u tas-Santwarju Tagħha*".

Ġuż: Dimech DeBono: "*Il-Madonna u s-Santwarju tal-Minsija*".

T. Zammit: "*Prehistoric Cart-tracks in Malta*".

# IL-KNISJA U L-KUNVENT TA' L-IMSIERAH

Żgħira kemm hi żgħira, il-Knisja ta' San Ġwann damet aktar minn tliet snin isservi lill-Patrijiet Kappuċċini biex minn ġo fiha jqaddsu, iqarbnu u jipprietkaw lill-fidili.

Magħhom ukoll ma damx ma ngħaqad Patri Tijofilu minn Ħal Balzan. Imma, bili maż-żmien dawk it-trufijiet tat-tliet portijiet bdew jiehdu s-sura ta' pajjiż ieħor għalih, allura kien xieraq li timbena knisja mdaqqsa ġmielha.

F'dak iż-żmien il-maħbub Arċisqof tagħna, Mons: Gonzi kien qiegħed jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kera tad-dar fejn il-Patrijiet kellhom l-ospizju tagħhom.

Aktar tard, billi s-Sur Ġużeppi Borg ried li jissieħeb ma' ibnu, l-imsemmi Feliċ Borg, (*) għanihom b'kunvent li mbena mill-Imgħallem F. Mifsud taħt it-tmexxija ta' Prof. J. R. Colombo.

Għalkemm b'sular wieħed, imma l-għadd tal-Patrijiet, li fih joqgħodu, jista' jiżdied bla tfixkil u tbatija ta' xejn.

Is-sala kbira tiegħu ġiet mibdula f'kappella li minnha bdiet iċ-ċerimonja meta l-Patrijiet daħlu fih uffiċjalment nhar il-11 ta' Settembru, 1950.

Kien l-Arċisqof Mons. Gonzi li mexxa dik iċ-ċerimonja sempliċi imma mpressjonanti wara li ġie milqugħ mill-Provinċjal Patri Antonju Marija minn Għawdex flimkien mal-Kommunità tiegħu Kappuċċina.

Il-Prepostu ta' Birkirkara, Mons. Manwel Vella flimkien mal-Kanonċi tiegħu, Dun Ġużepp Micallef, Dun Naz Sciberras Psaila, Dun Ġużepp Zahra eċċ: mar jirrappreżenta l-Parroċċa li fil-limiti tagħha dan il-kunvent jinsab.

Preżenti wkoll kien l-Avukat tal-Kuruna, Prof: A. J. Mamo (**); is-Sindki Appostoliċi tal-Kunventi tal-Furjana u

---

(*) Ritratti ta' dawn iż-żewġ benefatturi jinsabu fis-Sagristija tal-Knisja.

(**) Illum Prim Imħallef u President tal-Qrati Superjuri tagħna.



**IL-KNISJA TA' L-IMSIERAH**

*(Mixgħula f'Lejla ta' Festa)*

l-Marsa, il-Kavalier Manwel Borg u l-Avukat H. Frendo; it-Tabib Zanghi; il-Kaptan E. Busuttil, bosta Saċerdoti u Studenti Kappuċċini.

Għaddew tliet snin oħra meta wasal il-jum, 13 ta' Settembru ieħor, u l-Patrijiet Kappuċċini ta' l-Imsieraħ kellhom ċerimonja oħra aqwa għax din id-darba kienet l-okkażżjoni tat-tqegħid u t-tberik ta' l-ewwel ġebla tal-knisja li riedu jibnu sforz il-qalb tajba ta' l-akbar benefattur tagħhom, is-Sur Feliċ Borg.

Għall-ħabta ta' 4.45 p.m. bdiet ħierġa purċissjoni mill-kappella provviżorja ta' ġol-kunvent b'għadd sabiħ ta' Kappuċċini għal fuq il-lok tal-funzjoni.

L-Isqof Galea, assistit minn żewġ Kanonċi Elenjani, Dun Vinċenz Buhagiar u Dun Ġakbu Micallef, beda l-funzjoni fil-lok maħsub għall-artal maġġur.

Bħala Parrinijiet ġew maħturin il-Kanonku Dekan, Dun Ġużepp Micallef ta' l-istess Kolleġġjata ta' Birkirkara u s-Sindku Appostoliku tal-Kunvent tal-Marsa, l-Avukat Enriku Frendo.

Wara li l-Litanija tal-Qaddisin tkantat, ġo tubu tal-ħġieġ, imdaħħal f'ieħor taż-żingu, tqegħdet parċmina li kien fiha miktuba l-ġrajja tat-tqegħid u t-tberik tal-ġebla kif ukoll domna tal-Papa Piju XII.

Il-kitba ta' fuq il-parċmina ġiet iffirmata mill-Isqof Galea, mill-Provinċjal Patri Piet mill-Furjana u mill-Parrinijiet.

L-imsemmi Provinċjal għalaq t-tubu, li flimkien ma' disa' biċċiet flus tar-Reġina Eliżabetta II, ta' żmienna, mogħtijin b'kumpliment mill-"Barclay's Bank", ġie midfun fl-istess ġebla li l-Isqof bierek u qiegħed fil-post.

Imbagħad l-Isqof kompla jdur u jbierek il-pedamenti kollha waqt li tkantaw xi Salmi. Fl-aħħar tkanta l-*Veni Creator*, u l-funzjoni ntemmet hekk.

Fost il-kotra ta' nies preżenti kienu hemm mistiednin il-Ministru tal-Finanzi, Dr. J. Frendo Azzopardi LL.D., il-Professur Colombo, il-Professur C. Coleiro, il-Baruni Testaferrata

Moroni Viani, il-Barunissa Testaferrata Bonici, Dr. P. Borg Olivier D.M.O., Dr. Pullicino D.M.O., u rappreżentanti reliġjużi.

Għaddew sitt snin oħra li ma tulhom in-nies ta' dawk l-inħawwi tgħidx kemm għenu bi flushom u ħidmithom f'xogħlijiet bla ħlas għax fuq l-eżempju ta' l-akbar benefattur tagħhom, is-Sur Feliċ Borg, huma wkoll xtaqu jaraw tiela' u tgħola dik il-knisja li tidher minn nofs Malta fuq l-għolja pittoreska tagħhom.

U hekk bi pjanta oriġinali, li bħalhom bla ħlas Prof. J.R. Colombo B.Sc., B.E. & A., A. & C.E., F.R.S.A., għamel u tagħha mexxa x-xogħol meta mill-Imgħallem Ġużè Micallef kienet qegħdha timbidel f'bini, sar għandhom knisja li bi sbuħitha tfakkrek fil-knejjes ta' Ruma, speċjalment fil-Bażilka ta' San Pawl barra s-Swar, għalkemm aktar fiċ-ċokon.

B'dana kollu l-kobor ta' din il-knisja bi tliet artali hu mdaqqas mhux ħażin. Għax, mibnija fuq sittax il-kolonna u b'navi wesgħin 14 il-pied kull waħda, il-knisja ta' l-Imsieraħ hi twila 117 pied; wiesgħa 64 pied minn ħajt sa ħajt u 35 fil-korsija, jiġifieri 8 piedi aktar mill-Knisja Parrokkjali li l-istess Ordni Reliġjuż tal-Patrijiet Kappuċċini għandu ġewwa l-Marsa. Is-somma, li sSur Feliċ Borg nefaq biex imbniet, laħqet £10,000.

Bi kwadru żgħir imwaħħal fuq l-artal maġġur nhar it-13 ta' Ġunju, 1959 sakemm bi flus u mill-pinżell ta' Prof: Ġuż: Briffa sar il-kwadru titulari li hemm illum (*), kif ukoll bil-manifestazzjoni pubblika, li saret l-ewwel darba nhar il-15 tax-xahar ta' wara f'għamla ta' pellegrinaġġ, imħabbar sa mill-qniepen (**) imżanżnin ukoll dak inhar, intwera ċar li dik il-knisja kellha tkun l-ewwel waħda f'Malta u Għawdex dedikata lill-Madonna ta' Lourdes.

Imma l-ftugħ uffiċjali tal-knisja sar nhar l-20 ta' Diċembru, 1959, meta allura fit-8.30 a.m. sar it-tberik mill-Pronvinċjal,

---

(*) Ta' dan l-istess pittur hemm ukoll is-sitt kwadretti laterali tal-Kor, irrigalati mis-Sur Manwel Mifsud.

(**) Bl-akbar tnejn fosthom mogħtijin minn Dun Pawl Galea, Kappillan tal-Gżira.



IL-KWADRU TITULARI

Patri Krispin S.T.D. minn Għawdex, li mbagħad qaddes fiha għall-ewwel darba.

Fl-4 p.m. sar Għasar Sollenni u wara mill-kappella provviżorja għal hemm, il-Kapitlu Elenjan tal-Parroċċa ttrasporta s-SS.mu Sagrament bi purċissjoni li fiha Reliġjużi Kappuċċini il-Kappillan ta' San Ġiljan, Sorijiet Franġiskani. Terzjarji Franġiskani dipendenti mill-Kappuċċini u Membri t'Għaqdiet oħra ħadu sehem. (*)

Imbagħad Patri Stiefnu minn Bormla għamel diskors taċ-Ċirkostanza. Fl-aħħar Monsinjur Arċisqof intona *Te Deum* bħala radd ta' ħajr xieraq 'l Alla.

Fl-istess jum tal-ftugħ u t-tberik tal-knisja sar ukoll il-kxif u t-tberik tal-kwadru titulari. Imma barra minn hekk dak inhar inkitbet paġna oħra fl-Istorja ta' dak is-subborg li qiegħed jieħu l-ħajja mill-ġdid, billi tħabbar li bil-mertu kollu mistħoqq skond il-Kostituzzjoni Kappuċċina Nru. 131 u tad-Diritto Canonico, Can. 488, 5 fil-Kongregazzjoni Definitorjali tas-17 ta' Novembru ta' l-istess sena l-Ospizju t'hemm ġie uffiċjalment mill-Kurja Provvinċjali ta' l-istess Ordni Reliġjuż imgħolli għall-grad ta' Kommunità Formata meta allura bħala l-ewwel Gwardjan ġie maħtur Patri Leopoldu minn Bormla; bħala l-ewwel Vigarju tal-Kunvent ġie maħtur Patri Ġużeppi Marija mill-Furjana u bħala l-ewwel Diskriet ġie maħtur Patri Pawlin mill-Ħamrun.

Biex inkomplu bl-opri. ngħidu li l-istatwa, li hemm tal-Madonna ta' Lourdes, saret sforz il-qalb tajba tas-Sur Mikiel Sciberras "l-Għawdxi", waqt li dik, li hemm tirrappreżenta lil Marija SS.ma Addolorata (għall-ewwel maħsuba biex tkun it-titular tal-knisja) saret mill-akbar benefattur tas-soltu. is-Sur Feliċ Borg. (**)

---

(*) Fl-Imsieraħ hemm ukoll l-Għaqda tal-M.U.S.E.U.M., ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, Legion of Mary (Presidium "Madonna tal-Minsija" u Presidium "Madonna ta' Lourdes"), "Żgħażagħ Ħaddiema Nsara" u "Lampade Viventi".

(**) Minnu wkoll sar l-Artal Maġġur.



IL-VARA TAL-B.V.M. TA' LOURDES

Il-waħda, nhar it-23 t'April, 1961 mill-Prepostu-Arċipriet, Mons: E. Vella, u l-oħra dsatax il-jum qabel mill-Vigarju Ġenerali, l-Isqof E. Galea, ġew imbierkin fil-Knisja Parrokkjali, jiġifieri l-Bażilka ta' Sant'Elena minfejn imbagħad ittieħdu b'pellegrinaġġi magħmulin minn rappreżentanza tar-Rev.mu Kapitlu ta' l-istess Kolleġġjata Anzjana, mill-Kommunità Kappuċċina u l-Għaqdiet kollha ta' Birkirkara, u dawk ta' l-Imsieraħ flimkien ma' Poplu sħiħ.

Statwa oħra xierqa għal knisja fdata f'idejn il-Kappuċċini hi bla dubju waħda li tfakkarna f'San Franġisk, il-fundatur ewlieni ta' l-Ordnijiet kollha li jġibu ismu.

Għalhekk is-Sur Ġużè DeBono, kuġin l-awtur ta' dan il-ktejjeb, ħaseb biex jaqta' din ix-xewqa kbira tal-Patrijiet Kappuċċini ta' l-Imsieraħ billi minn flusu ordnaha lid-ditta magħrufa "Perathoner" ta' Bolzano, l-Italja fejn ukoll saru t-tnejn l-oħra u rnexxew wisq.

Flimkien ma' l-opri, rigali ta' qlub tajba, hekk ukoll festi, li jixgħelu aktar qlub tajba bl-imħabba għal Alla, bdew isiru fil-knisja ġdida, imdaqqsa u sabiħa ta' l-Imsieraħ, billi wara l-festa tal-Milied u festi reliġjużi oħra nħass li ssir b'mod speċjali l-festa tat-titular — il-festa tal-Madonna ta' Lourdes, li mbdiet bl-ewwel darba nhar il-11 ta' Frar, 1960. U hekk il-bqija tad-dehriet sakemm fl-11 ta' Mejju f'nofs inhar indaqqet mota sollenni biex tħabbar il-bidu tan-Novena.

Flimkien ma' l-Ordnijiet Reliġjużi ta' Birkirkara, fosthom l-istess Patrijiet Kappuċċini ta' l-Imsieraħ (*) hekk ukoll il-Kappillan u l-Pirjoli Agostinjan u Karmelitan (**) ta' San Ġiljan, u l-istess il-Kappillan tal-Gżira ffunzjonaw f'jiem in-Novena.

Is-sehem, li l-Kappuċċini hadu fin-Novena deher fil-funzjo-

---

(*) L-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra ta' B'kara, li hadu sehem, kienu l-Patrijiet Tereżjani, il-Patrijiet tal-"Kumpannija ta' San Pawl" u l-Patrijiet Franġiskani Konventwali.

(**) Propriament tal-Karmelitani ta' tas-Sliema, limiti Parrokkjali ta' San Gigor.

nijiet magħmulin mill-Gwardjan lokali fir-raba' jum; minn ex-Gwardjan lokali fis-seba' jum u mill-Provinċjal fl-aħħar jum.

Il-funzjonijiet prinċipali ta' lejliet u nhar il-festa ġew imħollijin f'idejn il-Kapitlu Elenjan għax minnu — bħala l-Kleru tal-Knisja Parrokkjali saru t-Traslazzjoni u l-Għasar sollenni tal-jumejn konċernati.

Minnu wkoll il-Purċissjoni ġiet immexxija għall-ewwel darba fit-toroq ta' dan is-subborg tal-bieraħ u t'għada.

Nhar il-festa fil-5 a.m. il-Kommunità għamlet Matutin Sollenni, waqt li fid-9 a.m. assistiet lir-Rev.mu Prepostu Elenjan fil-Kant tat-Terza u l-Quddiesa Sollenni.

Wara l-Vanġelu, Patri Arkanġlu minn Ħaż-Żabbar Ph.D. niseġ il-Paneġirku taċ-Ċirkostanza.

L-egħluq tal-festa sar mill-Vigarju Ġenerali, l-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma. Mons. Isqof Emm: Galea.

Kulma tmur taħt it-tmexxija għaqlija tal-Gwardjan preżenti, l-imsemmi Patri Leopoldu minn Bormla, xejn inqas ħabrieki miż-żewġ Superjuri ta' qablu. Patri Feliċ minn Għawdex u Patri Vinċenzu minn Bormla wkoll, il-Knisja ta' l-Imsieraħ qegħdha aktar mal-milja taż-żmienijiet tiġbed lejha qlub ġenerużi dejjem lesti biex iżejnu lid-Dar Imqaddsa t'Alla, avolja bħal issa għandna mitluqin f'Artna ħafna duttrini foloz u kuntrarji, la m'humiex ħlief opri tax-Xitan, l-imgħallem tal-ħażen u kull mibegħda kontra Alla u l-proxxmu.

Il-kwadru ta' San Franġisk, pittura ta' Prof. G. Briffa, għadu kif sar mit-Terzjarji Franġiskani.

Tnax il-benefattur għamlu s-slaleb tal-Konsagrazzjoni.

Opri xierqa għal fuq l-artal maġġur qegħdin isiru minn benefatturi oħra.

Bla ħlas ta' xejn l-imgħallem Ġużè Micallef (*) u bosta ħaddiema offrew ħilthom u ħidmithom biex itellgħu l-kampnar l-għad ikun hemm iżejjen il-knisja.

(*) L-imsemmi mgħallem hu benefattur b'mod finanzjarju wkoll.



Il-Vara tal-Madonna tad-Duluri



Il-Vara ta' San Franġisk t'Assisi

Hekk ukoll hu ttamat li dan il-ktieb, miktub biex jingħata f'idejn il-Poplu fl-okkażżjoni tal-Konsagrazzjoni ta' l-istess Knisja, jiswa sħiħ biex oħrajn ġodda ta' veri Maltin, u allura ta' veri Kattoliċi jitħeġġu illi huma wkoll jingħaqdu ma' dawk il-Qlub Ġenerużi li s'issa għenu kemm setgħu biex dik id-Dar t'Alla tiżżejjen, kif tabilħaqq mhux ftit jixirqilha, la ddedikata, bħalma tinsab, lil Marija SS.ma, Avukata tagħna.

## TMIEM TAT-TIELET TAQSIMA

---

*Biblijografija:*


P. Felice da Gozo O.F.M. Cap: "*Cronaca Capuccina del Għargħar*".

"Times of Malta", 13/9/50: "*New Capuchin Convent at Birkirkara.*"

"Il-Berqa", 11/9/50: "*Kunvent Gdid tal-Kappuċċini f'Birkirkara*".

"L-Immakulata", Ottubru, 1950: "*Il-Kunvent ta' l-Għargħar*".

"Leħen is-Sewwa", 16/9/53: "*Il-Knisja u l-Kunvent ta' l-Għargħar.*"

"L-Immakulata", Ottubru, 1953: "*Tberik l-Ewwel Ġebla ta' Knisja*".

Ġuż: Dimech DeBono, "*Leħen is-Sewwa*", 2/1/60: "*Knisja Ġdida tal-Madonna f'Birkirkara*".

Ġuż: Dimech DeBono, "*Il-Berqa*", 5/1/60: "*Grajja ta' Żewġ Knejjes f'Birkirkara*".

P. Franġisku minn tas-Sliema O.F.M. Cap:, "*Il-Berqa*", 6/1/60: "*Tberik u Ftugħ tal-Knisja l-Ġdida tal-Kappuċċini f'Tal-Għargħar*".

Ġuż; Dimech DeBono: "*History Repeats Itself at Għargħar*".

Curia Provinciale dei Frati Minori Capuccini: *Circolare* No. 9 16/12/59.

# TAGHRIF IEHOR DWAR L-IMSIERAH

Bħala għeluq ta' dan il-ktieb, din id-daqsxejn ta' żieda hi interessanti għax turi li barra milli bħala ċentru tat-traffiku fiż-żmienijiet ta' qabel Kristu, u barra milli bħala ċentru ta' belt fis-Seklu XV, l-Imsieraħ reġa' sar prominenti fl-Istorja ma tul l-aħħar snin tas-Seklu XVIII.

L-okkażżjoni kienet illi l-Karkariżi feċċew mill-ġdid dik il-qalba antika ta' belthom biex minnha jkomplu jagħmlu sehemhom fid-difiża t'arthom kontra l-ewwel Soċjalisti, li; minn Napuljun Bonaparte mmexxijin bħal-lum taħt il-bandiera qarrieqa ta' "Libertà — Fraternità" — Ugwaljanza", kienu ġew jassruna u jisirqulna lill-knejjes tagħna.

Fuq dik il-għolja, bir-raġun qabel imsejħa: "L-Għargħar". (*) huma waqqfu l-kamp ta' l-akbar Battaljun Malti, wara li tnejn minnhom — Anġlu Mallia u Ġanni Borg — sfaw l-ewwel eroj fost l-20,000 pajżan tagħna li fl-Imblokk tal-Franċiżi ħallew ħajjithom biex tkeċċew is-Soċjalisti ta' dak iż-żmien.

Mill-Imsieraħ huma ħadu ħsieb iriegu frontiera li, mifruxa mit-Torri ta' San Ġorġ sa tal-Pjetà, kienet l-akbar waħda tal-Maltin, u mhux ta' b'xejn maħsuba biex tilqa' l-attakki minn fuq l-art u l-baħar.

Il hawn u 'l hemm fl-Imsieraħ għadhom jidhru xi fdalijiet ta' batteriji li bl-ismijiet "Tat-Twila", "Ta' l-Imrabat", "Ta' Sqaq Kappara". "Ta' Xindi", "Ta' Gemmuna" eċċ., kienu waqqfu biex isaħħuha. Imma l-aqwa tifkira hi dik id-dar "Ta' Xindi" li, kif mal-ħajt tagħha hemm irħama b'kitba xierqa tfakkar, kienet il-kwartier maġġur tal-frontiera.

Il-knisja ta' San Ġwann, diġa' msemmija f'taqsimiet oħra, swiet ukoll biex permezz ta' suldati jduru l-ħin kollu madwarha b'midra tal-bdiewa kull wieħed fuq spallejhom, il-kap tal-battaljun. Vinċenzu Borg "Brared" irnexxielu jgerrex

(*) Għax barra minn sigar tal-ġunipru, l-isem "Għargħar" ifisser ukoll: "għolja", ħaġa li taqbel mat-topografija tal-post.

attakk tal-Franċiżi għax ħassibhom li waslulu xi forzi kbar armati, b'xi nvenzjoni ta' armi ġodda bħal azzarini bi tliet kanen.

Hekk ukoll, jekk Birkirkara tingħadd bħala l-belt li tellgħet il-Bandiera Ingliża l-ewwel darba f'Malta, mhux ħlief għax dak l-att volontarju ġara mill-Maltin f'dawk l-inħawi ta' l-Imsierah li, kif rajna, huwa post tassew storiku, u għalhekk ukoll ta' ġieħ liema bħalu għan-nies li fih twieldu u għan-nies li fih joqogħdu.

Mhux ta' b'xejn, mela, li Patri Leopoldu ħabrek biex l-Istorja ta' dak is-subborg ġdid u xejn inqas antik tiġi miġbura f'għamla ta' ktieb bħal dan minni miktub u mogħti f'idejn il-Poplu.

TMIEM.

---

*Biblijografija*

V. Borg: "*Appeals...to...the British Government*".
F. Cutajar: "*L'Occupazione Francese di Malta*".
Ransijat: "*Giornale dell'Assedio e Blocco*".
E. Blaquiere: "*Letters from the Mediterranean*".
John Hookham Frere: Epigrafi għal fuq qabar Brared.
A. Preca: "*Malta Cananea*".
J. Borg: "*Archivum Melitense*".
Azopardi: "*Presa di Malta*".
Mifsud: "*Sovranità Inglese......*"
Ġuż: Dimeck DeBono: "*Irish News*", 14/2/34.
Hardman: "*History of Malta*".
Ġuż: Dimech DeBono: "*Il-Pronostku Malti — 1937*".

*P.S. Minħabba xi ċirkostanzi, li nqalgħu fl-aħħar, il-Konsagrazzjoni tal-Knisja ddewmet aktar mill-ewwel data magħżula għal daqshekk.*

O

IL-QLIEGĦ KOLLU, LI JSIR MINN DAN IL-KTIEB, IMUR GĦALL-KNISJA TAL-KAPPUĊĊINI TA' L-IMSIERAĦ.